IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2014
COM(2014) 46 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESS

Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum u d-Dikjarazzjoni mill-Unjoni skont l-Artikolu 21 tal-Konvezjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum

għad-

Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum

ANNESS 1

IL-KONVENZJONI DWAR FTEHIMIET DWAR L-GĦAŻLA TAL-FORUM

L-Istati li huma Partijiet f'din il-Konvenzjoni,

Billi jixtiequ jippromwovu l-kummerċ u l-investiment internazzjonali permezz ta' kooperazzjoni ġudizzjarja msaħħa,

Billi jemmnu li kooperazzjoni bħal din tista' tissaħħaħ permezz ta' regoli uniformi dwar il-ġurisdizzjoni u dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali,

Billi jemmnu li kooperazzjoni msaħħa bħal din teħtieġ partikolarment sistema legali internazzjonali li tipprovdi ċertezza u tiżgura l-effettività ta' ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti bejn il-partijiet fi tranżazzjoni kummerċjali u li tirregola r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi li jirriżultaw minn proċedimenti bbażati fuq tali ftehimiet.

Iddeċidew li jikkonkludu din il-Konvenzjoni u ftehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni tapplika f'każijiet internazzjonali għal ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konklużi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

2. Għall-finijiet tal-Kapitolu II, każ huwa internazzjonali sakemm il-partijiet ma jkunux residenti fl-istess Stat Kontraenti u r-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħra kollha rilevanti għat-tilwima, independentement mill-post tal-Qorti magħżula, huma marbuta ma' dan l-Istat biss.

3. Għall-finijiet tal-Kapitolu III, każ huwa internazzjonali meta jiġu mfittxa r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza barranija.

Artikolu 2

Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni

1. Din il-Konvenzjoni ma tapplikax għal ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti:

(a) li jkunu parti fihom persuna fiżika li taġixxi primarjament għal raġunijiet personali, familjari jew domestiċi (konsumatur);

(b) relatati ma' kuntratti ta' impjieg, inkluż ftehim kollettiv.

2. Din il-Konvenzjoni ma għandhiex tapplika għall-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) l-istatus jew il-kapaċità legali ta' persuni fiżiċi;

(b) obbligi ta' manteniment;

(c) kwistjonijiet oħra tal-liġi tal-familja, inkluži skemi dwar il-pussess ta' proprjetà li tkun ġejja minn rabta fiż-żwieġ u drittijiet u obbligi li jirriżultaw miż-żwieġ jew minn relazzjonijiet simili;

(d) testmenti u suċċessjoni;

(e) insolvenza, akkordji u kwistjonijiet analogi;

(f) il-ġarr ta' passiġġieri u merkanzija;

(g) tniġġiż tal-baħar, limitazzjoni tar-responsabbilità għal talbiet marittimi, medja ġenerali u irmunkar u salvataġġ ta' emerġenza;

(h) kwistjonijiet ta' antitrust (kompetizzjoni);

(i) responsabbiltà għal dannu nukleari;

(j) pretensjonijiet għal korriment personali miġjub minn jew għan-nom ta' persuni fiżiċi;

(k) pretensjonijiet ta' delitt għal dannu fuq proprjetà tanġibbli li ma rriżultawx minn relazzjoni kuntrattwali;

(l) drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli u kiri ta' proprjetà immobbli;

(m) il-validità, nullità, jew ix-xoljiment ta' persuni legali, u l-validità tad-deċizjonijiet tal-organi tagħhom;

(n) il-validità tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ħlief dawk tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati;

(o) ksur ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali ħlief id-drittjiet tal-awtur u drittijet relatati, minbarra fejn il-proċedimenti ta' ksur isiru dwar ksur ta' kuntratt bejn il-partijiet relatati ma' tali drittjiet, jew setgħu jsiru għall-ksur ta' dan il-kuntratt;

(p) il-validità ta' reġistrazzjoni f'reġistri pubbliċi.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-proċedimenti mhumiex esklużi mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni fejn kwistjoni eskluża skont dan il-paragrafu tinħoloq sempliċiment bħala mistoqsija preliminarja u mhux bħala suġġett tal-proċedimenti. B'mod partikolari, is-sempliċi fatt li kwistjoni eskluża skont il-paragrafu 2 tinħoloq mid-difiża ma jeskludix il-proċedimenti mill-Konvenzjoni, jekk din il-kwistjoni ma tkunx is-suġġett tal-proċedimenti.

4. Din il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-arbitraġġ u proċedimenti relatati.

5. Mhumiex eskluži proċedimenti mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li Stat, inkluż gvern, aġenzija governattiva jew persuna li qed taġixxi għal Stat, jkunu parti minnha.

6. Ma hemm xejn f'din il-Konvenzjoni li jaffettwa l-privileġġi u l-immunitajiet ta' Stati jew organizzazzjonijiet internazzjonali, fir-rigward tagħhom stess jew tal-proprjetà tagħhom.

Artikolu 3

Ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) 'ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti' jfisser ftehim konkluż bejn żewġ partijiet jew aktar li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu (c) u jinnomina, għall-iskop li jiġi deċiż it-tilwim li jkun inħoloq jew jista' jinħoloq marbut ma' relazzjoni legali partikolari, il-qrati ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew qorti speċifika waħda jew aktar ta' Stat Kontraenti wieħed bl-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni ta' qrati oħra;

(b) ftehim dwar l-għażla tal-qorti li jinnomina l-qrati ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew qorti speċifika waħda jew aktar ta' Stat Kontraenti wieħed jitqies bħala esklussiv sakemm il-partijiet ma jkunux espressament ipprovdew mod ieħor;

(c) ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jrid ikun konkluż jew dokumentat:

(i) bil-miktub; jew

(ii) permezz ta' mod ieħor ta’ komunikazzjoni li tagħmel l-informazzjoni aċċessibbli biex tkun tista’ tintuża għal referenza suċċessiva;

(d) ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti li jifforma parti minn kuntratt jiġi trattat bħala ftehim indipendentament mit-termini l-oħra tal-kuntratt. Il-validità tal-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti ma tistax tiġi kkontestata biss fuq il-bażi li l-kuntratt mhux validu.

Artikolu 4

Definizzjonijiet oħra

1. F’din il-Konvenzjoni, ‘sentenza’ tfisser deċiżjoni dwar il-merti mogħtija minn qorti, irrispettivament minn kif tissejjaħ, inkluż digriet jew ordni, u determinazzjoni tal-ispejjeż mill-qorti (inkluż l-uffiċjal tal-qorti), sakemm id-determinazzjoni tkun relatata ma’ deċiżjoni dwar il-merti li jistgħu jiġu rikonoxxuti jew infurzati skont din il-Konvenzjoni. Miżura provviżorja ta’ protezzjoni mhijiex sentenza.

2. Għall-finijiet ta’ din il-Konvenzjoni, entità jew persuna li mhijiex persuna fiżika tkun ikkunsidrata bħala residenti fl-Istat:

(a) fejn għandha s-sede statutorja;

(b) li taħt il-liġi tiegħu ġiet inkorporata jew iffurmata;

(c) fejn għandha l-amministrazzjoni ċentrali; jew

(d) fejn għandha l-post prinċipali tan-negozju.

KAPITOLU II

ĠURIŻDIZZJONI

Artikolu 5

Il-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula

1. Il-qorti jew qrati ta' Stat Kontraenti nnominat fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti għandu jkollhom ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu dwar tilwima li għaliha japplika l-ftehim, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett skont il-liġi ta’ dan l-Istat.

2. Qorti li għandha ġurisdizzjoni skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tastjeni milli teżerċita l-ġurisdizzjoni fuq il-bażi li t-tilwima għandha tiġi deċiża f’qorti ta’ Stat ieħor.

3. Il-paragrafi preċedenti ma jaffettwawx ir-regoli:

(a) dwar il-ġurisdizzjoni relatata mas-suġġett inkwistjoni jew mal-valur tal-pretensjoni;

(b) dwar l-allokazzjoni interna tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati ta' Stat Kontraenti. Madankollu, fejn il-qorti magħżula jkollha d-diskrezzjoni dwar jekk il-kawża għandhiex tiġi trasferita, l-għażla tal-partijiet għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa.

Artikolu 6

L-obbligi ta’ qorti li mhijiex magħżula

Qorti ta’ Stat Kontraenti li mhijiex magħżula tissospendi jew twaqqa’ l-proċedimenti li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti sakemm:

(a) il-ftehim ma jkunx null u bla effett skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula;

(b) parti minnhom ma setgħetx tikkonkludi ftehim skont il-liġi tal-Istat tal-qorti li kienet qed tisma' l-kawża;

(c) l-attwazzjoni tal-ftehim twassal għal inġustizzja jew tkun kontra l-ordni pubbliku tal-Istat tal-qorti li tkun qed tisma' l-kawża b'mod ċar;

(d) għal ragunijiet eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tal-partijiet, il-ftehim ma jkunx jista' jitwettaq b'mod raġonevoli; jew

(e) il-qorti magħżula ma tiddeċidix li ma tismax il-kawża.

Artikolu 7

Miżuri provviżorji ta' protezzjoni

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni mhumiex regolati minn din il-Konvenzjoni. Din il-Konvenzjoni la teħtieġ u lanqas tipprekludi l-għotja, ir-rifjut jew it-terminazzjoni ta' miżuri provviżorji ta' protezzjoni minn qorti ta' Stat Kontraenti u ma taffettwax jekk parti tista' jew ma tistax titlob tali miżuri jew jekk qorti għandhiex tagħti, tirrifjuta jew ittemm l-istess miżuri.

KAPITOLU III

RIKONOXXIMENT U EŻEKUZZJONI

Artikolu 8

Rikonoxximent u eżekuzzjoni

1. Skont dan il-Kapitolu sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti innominata fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stati Kontraenti oħra. Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni jistgħu biss jiġu rrifjutati għal raġunijiet speċifikati f'din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għal rieżami bħal dan kif meħtieġ għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, ma għandu jkun hemm l-ebda rieżami tal-merti tas-sentenza mogħtija mill-qorti tal-oriġini. Il-qorti indirizzata tkun marbuta mill-konstatazzjonijiet ta' fatt li fuqhom il-qorti tal-oriġini bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha, sakemm is-sentenza ma tkunx ingħatat f'kontumaċja.

3. Sentenza tkun rikonoxxuta biss jekk għandha effett fl-Istat ta' oriġini u tkun infurzata biss jekk tista' tiġi infurzata fl-Istat ta' oriġini.

4. Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni jistgħu jiġu posposti jew irrifjutati jekk is-sentenza hija soġġetta għal rieżami fl-Istat ta' oriġini jew jekk it-terminu preskrittiv biex jintalab rieżami ordinarju ma jkunx skada. Rifjut ma jipprevenix applikazzjoni għal rikonoxximent jew infurzar sussegwenti tas-sentenza.

5. Dan l-Artikolu japplika għal sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti skont trasferiment tal-kawża mill-qorti magħżula f'dan l-Istat Kontraenti kif permess mill-Artikolu 5(3). Madanakollu, fejn il-qorti magħżula jkollha d-diskrezzjoni dwar jekk tittrasferix il-kawża għal qorti oħra, ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza jistgħu jiġu rrifjutati kontra parti li tkun oġġezzjonat b'mod f'waqtu għat-trasferiment fl-Istat ta' oriġini.

Artikolu 9

Rifjut tar-rikonoxximent jew tal-eżekuzzjoni

Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni jistgħu jiġu rrifjutati jekk:

(a) il-ftehim kien null u bla effett skont il-liġi tal-Istat tal-qorti magħżula, sakemm il-qorti magħżula ma tkunx iddeterminat li l-ftehim huwa validu;

(b) parti minnhom ma setgħetx tikkonkludi il-ftehim skont il-liġi tal-Istat rikjest;

(c) id-dokument li beda l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti, li jinkludi l-elementi essenzjali tal-pretensjoni:

(i) il-konvenut ma ġiex notifikat f'ħin suffiċjenti b'tali mod li jagħtih il-possibilità li jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx deher jew ippreżenta l-każ tiegħu mingħajr ma kkontesta n-notifika fil-qorti tal-oriġini, sakemm il-liġi tal-Istat ta' oriġini tippermetti li n-notifika tiġi kkontestata; jew

(ii) il-konvenut kien notifikat fl-Istat rikjest b'mod li huwa inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Istat rikjest fir-rigward tan-notifika tad-dokumenti;

(d) is-sentenza tkun ittieħdet bi frodi f'konnessjoni ma' kwistjoni ta' proċedura;

(e) ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni jkunu inkompatibbli biċ-ċar mal-ordni pubbliku tal-Istat rikjest, inklużi sitwazzjonijiet fejn il-proċedimenti speċifiċi li jwasslu għas-sentenza kienu inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali ta' ġustizzja proċedurali ta' dan l-Istat;

(f) is-sentenza hija inkonsistenti ma' sentenza mogħtija mill-Istat rikjest f'tilwima bejn l-istess partijiet; jew

(g) is-sentenza hija inkonsistenti ma' sentenza preċedenti mogħtija minn Stat ieħor bejn l-istess partijiet dwar l-istess kawża ta' azzjoni, sakemm din is-sentenza preċedenti tissodisfa l-kundizzjonijet meħtieġa għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest.

Artikolu 10

Domandi preliminarji

1. Fil-każ li kwistjoni eskluża skont l-Artikolu 2(2), jew skont l-Artikolu 21 tkun inħolqot bħala domanda preliminari, id-deċiżjoni dwar din il-kwistjoni ma tiġix rikonoxxuta jew infurzata skont din il-Konvenzjoni.

2. Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza kienet ibbażata fuq deċiżjoni dwar kwistjoni eskluża skont l-Artikolu 2(2).

3. Madanakollu, fil-każ ta' deċiżjoni dwar il-validità ta' dritt ta' propjetà intellettwali ħlief id-dritt tal-awtur jew dritt relatat, ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jew posposti skont il-paragrafu preċedenti biss fejn:

(a) din id-deċiżjoni ma tkunx konsistenti ma' sentenza jew deċiżjoni ta' awtorità kompetenti fuq din il-kwistjoni mogħtija mill-Istat, li d-dritt ta' propjetà intellettwali nħoloq taħt il-liġi tiegħu; jew

(b) il-proċedimenti dwar il-validità tad-dritt ta' proprjetà intellettwali huma pendenti f'dan l-Istat.

4. Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza kienet ibbażata fuq deċiżjoni dwar kwistjoni eskluża skont dikjarazzjoni magħmula mill-Istat rikjest skont l-Artikolu 21.

Artikolu 11

Kumpens

1. Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza jistgħu jiġu rrifjutati jekk u safejn is-sentenza tagħti kumpens għal danni, inklużi danni eżemplari jew punittivi, li ma jikkumpensawx lil parti għal telf jew danni attwalment imġarrba.

2. Il-qorti indirizzata tikkunsidra jekk u safejn il-kumpens mogħti mill-qorti tal-oriġini jservi biex ikopri l-ispejjeż relatati mal-proċedimenti.

Artikolu 12

Riżolviment ġudizzjarju *(transactions judiciaires)*

Riżolviment ġudizzjarju (*transactions judiciaires*) li jkun ġie approvat minn qorti ta' Stat Kontraenti innominat fi ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, jew li ġie konkluż quddiem din il-qorti matul il-proċedimenti, u li huwa infurzat bl-istess mod bħal sentenza fl-Istat ta' oriġini, jiġi infurzat skont din il-Konvenzjoni bl-istess mod bħal sentenza.

Artikolu 13

Dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

1. Il-parti li tkun qed titlob rikonoxximent jew li tkun qed tapplika għall-eżekuzzjoni għandha tippreżenta:

(a) kopja sħiħa u ċċertifikata tas-sentenza;

(b) il-ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, kopja ċċertifikata tiegħu jew evidenza oħra tal-eżistenza tiegħu;

(c) jekk is-sentenza ġiet mogħtija f'każ ta' kontumaċja, l-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' dokument li juru li d-dokument, li permezz tiegħu bdew il-proċedimenti jew dokument ekwivalenti ġie nnotifikat lill-kontumaċi;

(d) kull dokument meħtieġ biex jiġi stabbilit li s-sentenza għandha effett jew, fejn applikabbli, tista' tiġi infurzata fl-Istat ta' oriġini;

(e) fil-kawża msemmija fl-Artikolu 12, ċertifikat ta' qorti tal-Istat ta' oriġini li juri li r-risolviment ġudizzjarju jew parti minnu jista' jiġi infurzat bl-istess mod bħal sentenza fl-Istat ta' oriġini.

2. Jekk it-termini tas-sentenza ma jippermettux lill-qorti indirizzata li tivverifika jekk il-kundizzjonijet ta' dan il-Kapitolu ġewx issodisfati, din il-qorti tista' teħtieġ kull dokument ieħor li jkun meħtieġ.

3. Talba għar-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tista' tkun akkumpanjata minn dokument, maħruġ minn qorti (inkluż uffiċjal tal-qorti) tal-Istat ta' oriġini, fil-forma rakkomandata u pubblikat mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

4. Jekk id-dokumenti li għalihom saret referenza f'dan l-Artikolu mhumiex fil-lingwa uffiċjali tal-Istat rikjest, dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata f'lingwa uffiċjali, sakemm il-liġi tal-Istat rikjest ma tipprovdix mod ieħor.

Artikolu 14

Proċedura

Il-proċedura għar-rikonoxximent, id-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni jew ir-reġistrazzjoni għall-eżekuzzjoni, u l-eżekuzzjoni tas-sentenza, huma regolati mil-liġi tal-Istat rikjest sakemm din il-Konvenzjoni ma tipprovdix mod ieħor. Il-qorti indirizzata taġixxi mill-aktar fis.

Artikolu 15

Separabbiltà

Ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' parti separabbli ta' sentenza jingħataw meta jiġi mitlub ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' din il-parti, jew meta parti mis-sentenza biss tista' tkun rikonoxxuta jew infurzata skont din il-Konvenzjoni.

KAPITOLU IV

KLAWŻOLI ĠENERALI

Artikolu 16

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Din il-Konvenzjoni tapplika għall-ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konkluży wara d-dħul fis-seħħ fl-Istat tal-qorti magħżula.

2. Din il-Konvenzjoni ma tapplikax għall-proċedimenti li bdew qabel id-dħul fis-seħħ fl-Istat tal-qorti li qed tisma' s-sentenza.

Artikolu 17

Kuntratti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni

1. Il-proċedimenti skont kuntratt tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mhumiex eskluży mill-ambitu ta' din il-Konvenzjoni fuq il-bażi li l-kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jikkonċerna kwistjoni li għaliha ma tapplikax din il-Konvenzjoni.

2. Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza fir-rigward ta' responsabbilità skont it-termini ta' kuntratt tal-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ma jistgħux jiġu limitati jew irrifjutati fuq il-bażi li r-responsabbilità skont dan il-kuntratt tinkludi responsabbilità li skontha l-persuna assigurata jew assigurata mill-ġdid tiġi kkumpensata fir-rigward ta':

(a) kwistjoni li għaliha ma tapplikax din il-Konvenzjoni; jew

(b) għotja ta' kumpens għal danni li għalihom jista' japplika l-Artikolu 11.

Artikolu 18

L-ebda leġiżlazzjoni

Id-dokumenti kollha mibgħuta jew konsenjati skont din il-Konvenzjoni jkunu eżenti mill-leġiżlazzjoni jew formalitajiet simili, inkluża Apostille.

Artikolu 19

Dikjarazzjonijiet li jillimitaw il-ġurisdizzjoni

Stat jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw li jiddeċiedu dwar tilwim li għalihom japplika ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti, jekk ħlief għall-post tal-qorti magħżula ma jkun hemm l-ebda rabta bejn dan l-Istat u l-partijiet jew it-tilwima.

Artikolu 20

Dikjarazzjonijiet li jillimitaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni

Stat jista' jiddikjara li l-qrati tiegħu jistgħu jirrifjutaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti ieħor, jekk il-partijiet jkunu residenti fl-Istat rikjest u r-relazzjoni tal-partijiet u l-elementi l-oħra kollha rilevanti għat-tilwima, ħlief il-post tal-qorti magħżula jkunu marbuta biss mal-Istat rikjest.

Artikolu 21

Dikjarazzjonijiet rigward kwistjonijiet speċifiċi

1. Fil-każ li Stat għandu interess qawwi li ma japplikax din il-Konvenzjoni għal kwistjoni speċifika, dan l-Istat jista' jiddikjara li mhux se japplika l-Konvenzjoni għal din il-kwistjoni. L-Istat li jagħmel dikjarazzjoni bħal din għandu jiżgura li d-dikjarazzjoni ma tkunx aktar wiesgħa milli meħtieġ u li l-kwistjoni speċifika eskluża tkun definita b'mod ċar u preċiż.

2. Fir-rigward ta’ din il-kwistjoni, il-Konvenzjoni ma tapplikax:

(a) fl-Istat Kontraenti li għamel id-dikjarazzjoni;

(b) fi Stati Kontraenti oħra, fejn ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jinnomina l-qrati, jew qorti speċifika waħda jew aktar tal-Istat li għamel id-dikjarazzjoni.

Artikolu 22

Dikjarazzjonijiet reċiproċi dwar ftehimiet mhux esklussivi dwar l-għażla tal-qorti

1. Stat Kontraenti jista’ jiddikjara li l-qrati tiegħu jirrikonoxxu u jinfurzaw sentenzi mogħtija minn qrati ta’ Stati Kontraenti oħra indikati fi ftehim dwar l-għażla tal-qorti konkluż minn żewġ partijiet jew aktar li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(c), u għall-iskop li jiġi deċiż tilwim li nħoloq jew li jista' jinħoloq marbut ma’ relazzjoni legali partikolari, jinnomina qorti jew qrati ta’ wieħed jew aktar mill-Istati Kontraenti (ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti).

2. Fejn ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta’ sentenza mogħtija minn Stat Kontraenti li għamel tali dikjarazzjoni jiġi mitlub fi Stat Kontraenti ieħor li għamel tali dikjarazzjoni, is-sentenza tiġi rikonoxxuta u infurzata skont din il-Konvenzjoni, jekk:

(a) il-qorti tal-oriġini ġiet innominata minn ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti;

(b) ma teżisti l-ebda sentenza mogħtija minn qrati oħrajn li quddiemhom setgħu jitressqu l-proċedimenti skont il-ftehim mhux esklussiv dwar l-għażla tal-qorti u lanqas ma jeżisti proċediment pendenti bejn l-istess partijiet fi qrati oħrajn bħal dawn dwar l-istess kawża ta' azzjoni;

(c) il-qorti tal-oriġini kienet l-ewwel qorti li semgħet il-kawża.

Artikolu 23

Interpretazzjoni uniformi

Fl-interpretazzjoni ta’ din il-Konvenzjoni jitqies il-karattru internazzjonali tagħha u l-ħtieġa li tiġi promossa uniformità fl-applikazzjoni tagħha.

Artikolu 24

Rieżami tat-tħaddim tal-Konvenzjoni

Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat jagħmel arranġamenti f’intervalli regolari biex:

(a) jiġi eżaminat mill-ġdid it-tħaddim ta’ din il-Konvenzjoni, inklużi d-dikjarazzjonijiet; u

(b) jiġi kkunsidrat jekk huwiex meħtieġ li jsiru emendi għal din il-Konvenzjoni.

Artikolu 25

Sistemi legali mhux unifikati

1. Fir-rigward ta’ Stat Kontraenti fejn żewġ sistemi legali jew aktar japplikaw f’unitajiet territorjali differenti, f’dak li jikkonċerna kwistjonijiet trattati minn din il-Konvenzjoni:

(a) kull referenza għal-liġi jew proċedura ta’ Stat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal-liġi jew proċedura fis-seħħ fl-unità territorjali rilevanti;

(b) kull referenza għal residenza fi Stat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal residenza fl-unità territorjali rilevanti;

(c) kull referenza għall-qorti jew qrati ta' Stat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għall-qorti jew qrati fl-unità territorjali rilevanti;

(d) kull referenza marbuta ma' Stat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal rabta mal-unità territorjali rilevanti.

2. Minkejja l-paragrafu preċedenti, Stat Kontraenti b'żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi legali differenti ma jkunx marbut li japplika din il-Konvenzjoni għal sitwazzjonijiet li jinvolvu biss tali unitajiet territorjali differenti.

3. Qorti f'unità territorjali ta' Stat Kontraenti b'żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi legali differenti ma tkunx marbuta li tirrikonoxxi jew tinforza sentenza minn Stat Kontraenti ieħor abbażi tal-fatt uniku li s-sentenza kienet rikonoxxuta jew infurzata f'unità territorjali oħra tal-Istess Stat Kontraenti skont din il-Konvenzjoni.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Artikolu 26

Relazzjoni ma' strumenti internazzjonali oħra

1. Safejn hu possibbli, din il-Konvenzjoni tiġi interpretata li tkun kompattibbli ma' trattati oħra fis-seħħ għal Stati Kontraenti, kemm jekk konklużi qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni.

2. Din il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat, kemm jekk konklużа qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni, f'kawżi fejn l-ebda waħda mill-partijiet ma hija residenti fi Stat Kontraenti li mhux Parti fit-trattat.

3. Din il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat li ġie konkluż qabel din il-Konvezjoni daħlet fis-seħħ għal dan l-Istat Kontraenti, jekk l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni ma tkunx konsistenti mal-obbligi ta' dan l-Istat Kontraenti fil-konfront ta' Stati mhux Kontraenti. Dan il-paragrafu japplika wkoll għal trattati li jirrevedu jew jissostitwixxu trattat konkluż qabel ma din il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għal dan l-Istat Kontraenti, bl-eċċezzjoni ta' meta r-reviżjoni jew is-sostituzzjoni joħolqu inkonsistenzi ġodda ma' din il-Konvenzjoni.

4. Din il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat, kemm jekk konkluż qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni, għall-iskop li jinkiseb rikonoxximent jew eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Kontraenti li huwa wkoll Parti f'dan it-trattat. Madanakollu, is-sentenza ma tistax tkun rikonoxxuta jew infurzata b'mod anqas minn dak previst f'din il-Konvenzjoni.

5. Din il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni minn Stat Kontraenti ta' trattat, li fir-rigward ta' kwistjoni speċifika jirregola l-ġurisdizzjoni jew ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' sentenzi, anki jekk konklużi wara din il-Konvenzjoni u anki jekk l-Istati kollha konċernati huma Partijiet f'din il-Konvenzjoni.

Dan il-paragrafu għandu japplika biss jekk l-Istat Kontraenti għamel dikjarazzjoni fir-rigward tat-trattat skont dan il-paragrafu. F'każ ta' tali dikjarazzjoni, Stati Kontraenti oħra mhumiex obbligati japplikaw din il-Konvenzjoni għal din il-kwistjoni speċifika safejn ikun hemm xi inkonsistenza, fejn ftehim esklussiv dwar l-għażla tal-qorti jinnomina l-qrati jew qorti waħda jew aktar qrati speċifiċi, tal-Istati Kontraenti li għamlu d-dikjarazzjoni.

6. Din il-Konvenzjoni ma taffettwax l-applikazzjoni tar-regoli ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, li hija Parti minn din il-Konvenzjoni, kemm jekk adottati qabel kif ukoll wara din il-Konvenzjoni:

(a) fejn ħadd mill-partijiet ma huwa residenti fi Stat Kontraenti li mhuwiex Stat Membru tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika;

(b) f'dak li jikkonċerna r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi bejn Stati Membri tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

KAPITOLU V

KLAWŻOLI FINALI

Artikolu 27

L-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni

1. Din il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-iffirmar mill-Istati kollha.

2. Din il-Konvenzjoni hija soġġetta għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni mill-Istati firmatarji.

3. Din il-Konvenzjoni hija miftuħa għall-adeżjoni mal-Istati kollha.

4. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni jkunu depożitati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, depożitarju tal-Konvenzjoni.

Artikolu 28

Dikjarazzjonijiet rigward sistemi legali mhux unifikati

1. Jekk Stat ikollużewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi legali differenti rigward kwistjonijiet trattati f'din il-Konvenzjoni, dan jista'mal-iffirmar, kif ukoll ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, jiddikjara li l-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjali kollha tiegħu jew għal unità waħda biss jew aktar minnhom, u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra f'kull ħin.

2. Id-dikjarazzjoni tiġi nnotifikata lid-depożitarju u tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom tapplika l-Konvenzjoni.

3. Jekk Stat ma jagħmel l-ebda dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Konvenzjoni testendi għall-unitajiet territorjali kollha ta' dan l-Istat.

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

Artikolu 29

Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika

1. Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija magħmula minn Stati sovrani biss u li għandha l-kompetenza fuq ċerti kwistjonijiet jew kollha kemm huma rregolati minn din il-Konvenzjoni tista' bl-istess mod tiffirma, taċċetta, tapprova l-Konvenzjoni jew taderixxi magħha. F'dan il-każ, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Kontraenti, safejn l-Organizzazzjoni għandha l-kompetenza fuq kwistjonijiet regolati minn din il-Konvenzjoni.

2. L-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika mal-iffirmar, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, tinnotifika d-depożitarju bil-miktub dwar kwistjonijiet regolati minn din il-Konvenzjoni li l-kompetenza tagħhom ġiet trasferita għal din l-Organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha. L-Organizzazzjoni tinnotifka minnufih lid-depożitarju bil-miktub dwar kull bidla fil-kompetenzi tagħha, kif speċifikat fl-aktar avviz riċenti skont dan il-paragrafu.

3. Għall-iskopijiet tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni, kull strument iddepożitat minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma jgħoddx sakemm l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika Reġjonali ma tkunx iddikjarat, skont l-Artikolu 30, li l-Istati Membri tagħha mhux se jkunu Partijiet f'din il-Konvenzjoni.

4. Kull referenza għal 'Stat Kontraenti' jew 'Stat' f'din il-Konvenzjoni tapplika bl-istess mod, fejn ikun xieraq, għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti minnha.

Artikolu 30

Adeżjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika mingħajr l-Istati Membri tagħha

1. Mal-iffirmar, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tista' tiddikjara li teżerċita kompetenza fuq il-kwistjonijiet kollha regolati minn din il-Konvenzjoni u li l-Istati Membri tagħha mhux se jkunu Partijiet f'din il-Konvenzjoni iżda se jkunu marbuta permezz tal-iffirmar, l-aċettazzjoni, l-approvazzjoni tal-Organizzazzjoni jew l-adeżjoni magħha.

2. Fil-każ li tkun magħmula dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika skont il-paragrafu 1, kull referenza għal 'Stat Kontraenti' jew 'Stat' f'din il-Konvenzjoni għandha tapplika bl-istess mod, fejn ikun xieraq, għall-Istati Membri tal-Organizzazzjoni.

Artikolu 31

Dħul fis-seħħ

1. Din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 27.

2. Minn hemm 'il quddiem din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ:

(a) għal kull Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li sussegwentement jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw din il-Konvenzjoni jew jaderixxu magħha, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tal-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni tagħha jew adeżjoni;

(b) għal unità territorjali li għaliha ġiet estiża din il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 28(1), fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur minn notifika tad-dikjarazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 32

Dikjarazzjonijiet

1. Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19, 20, 21, 22 u 26 jistgħu jsiru mal-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jew f'kull ħin aktar tard u jistgħu jiġu mmodifikati jew irtirati f'kull ħin.

2. Id-dikjarazzjonijiet, il-modifikazzjonijiet jew l-irtirar għandhom jiġu nnotifikati lid-depożitarju.

3. Dikjarazzjoni magħmula mal-iffirmar, ir-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jkollha effett fl-istess ħin mad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istat konċernat.

4. Dikjarazzjoni magħmula aktar tard u kull modifika jew irtirar ta' dikjarazzjoni jkollhom effett fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-data li fiha d-depożitarju jirċievi n-notifika.

5. Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 19, 20 21, u 26 ma tapplikax għal ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti konklużi qabel din tidħol fis-seħħ.

Artikolu 33

Denunzja

1. Din il-Konvenzjoni tista' tiġi denunzjata b'notifika bil-miktub lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali ta' sistema legali mhux unifikata li għaliha tapplika din il-Konvenzjoni.

2. Id-denunzja tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' 12-il xahar mid-data li fiha d-depożitarju jirċievi n-notifika. Fil-każ li fin-notifika jkun speċifikat żmien itwal biex id-denunzja tidħol fis-seħħ, din tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ta' tali perjodu itwal mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.

Artikolu 34

Notifiki mid-depożitarju

Id-depożitarju jinnotifika lill-Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata u Stati u Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika oħrajn li ffirmaw, irratifikaw, aċċettaw, approvaw l-Artikolu 27, 29 u 30 jew aderixxu magħhom b'dan li ġej:

(a) il-firem, ir-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27, 29 u 30;

(b) id-data li fiha l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ, skont l-Artikolu 31;

(c) in-notifiki, id-dikjarazzjonijiet, il-modifikazzjonijiet u l-irtirar tad-dikjarazzjonijet imsemmija fl-Artikolu 19, 20, 21, 22, 26, 28, 29 u 30;

(d) id-denunzji msemmija fl-Artikolu 33.

B'xiehda ta' dan, is-sottoskritti, debitament awtorizzati, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmul fl-Aja, fit-30 ta' Ġunju 2005, bil-lingwa Ingliża u dik Franċiża, b'kull wieħed miż-żewġ testi huma ugwalment awtentiċi, f'kopja unika li tiġi depożitata fl-arkivji tal-Gvern tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u li tagħha se tintbagħat kopja ċċertifikata, permezz ta' mezzi diplomatiċi, lil kull Stat Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fid-data tal-Għoxrin Sessjoni tagħha u lil kull Stat li pparteċipa f'din is-Sessjoni.

ANNESS II

Dikjarazzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti

1. L-Unjoni Ewropea hawnhekk qed tiddikjara skont l-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni, li ħlief kif stipulat hawn taħt, mhux se japplika l-Konvenzjoni fejn jidħlu kuntratti tal-assigurazzjoni.
2. Din id-dikjarazzjoni ma tapplikax meta:

(a) il-partijiet ikunu daħlu fil-ftehim dwar l-għażla tal-qorti wara li tkun inħolqot it-tilwima, jew

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1, paragrafu 2 tal-Konvenzjoni, il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun konkluż bejn id-detentur tal-polza u l-assiguratur, li t-tnejn li huma fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu domiċiljati jew ikollhom residenza abitwali fl-istess Stat u li jkollu l-effett li jagħti ġurisdizzjoni lill-qrati ta' dak l-Istat anki jekk l-avveniment dannuż ikollu jseħħ barra mill-pajjiż, sakemm ftehim bħal dan ma jmurx kontra l-liġi ta' dak l-Istat, jew

(c) il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti jkun relatat ma' kuntratt tal-assigurazzjoni sakemm ikun ikopri wieħed jew aktar mir-riskji mniżżla fl-Artikolu 3.

3. Riskji kbar imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 jinkludu t-trasport (inġenji tal-ajru, opri tal-baħar, ferroviji u merkanzija fi tranżitu), kreditu u garanziji, kif ukoll riskji oħrajn fejn id-detentur ta' polza iwettaq negozju ta' ċertu daqs, kif stipulat fil-paragrafu 4.
4. Dawn li ġejjin huma r-riskji msemmija fil-paragrafu 3:

(2) kull telf jew dannu għal:

  (a) opri tal-baħar, installazzjonijiet 'il barra mix-xatt jew fuq il-baħar, jew inġenji tal-ajru, li joriġinaw minn riskji relatati mal-użu tagħhom għal skopijiet kummerċjali;

  (b) merkanzija fi tranżitu, ħlief bagalji ta' passiġġieri, fejn it-tranżitu jikkonsisti fi jew jinkludi trasport minn tali opri tal-baħar jew inġenji tal-ajru;

(3) kull responsabbilità, apparti minn dik ta' dannu fuq il-passiġġieri jew telf jew ħsara tal-bagalji tagħhom:

  (a) li tirriżulta mill-użu jew mill-operat ta' opri tal-baħar, ta' installazzjonijiet jew ta' inġenji tal-ajru kif imsemmija fil-punt 1(a) safejn, fir-rigward ta' dawn ta' l-aħħar, il-liġi tal-Istat marbut b'din il-Konvenzjoni, li fih dawn l-inġenji tal-ajru jkunu reġistrati, ma tipprojbixxix ftehimiet dwar ġurisdizzjoni fir-rigward tal-assigurazzjoni ta' tali riskji;

  (b) għal telf jew dannu kkawżat lill-merkanzija fi tranżitu kif deskritt fil-punt 1(b);

(4) kull telf finanzjarju marbut mal-użu jew l-operat ta' opri tal-baħar, installazzjonijiet jew inġenji tal-ajru msemmija fil-punt 1(a), b'mod partikolari t-telf ta' merkanzija jew ta' kiri b'charter;

(5) kull riskju jew interess marbut ma' wħud minn dawk imsemmija fil-punt 1 sa 3;

(6) independentament mill-punt 1 sa 4, ir-riskji kbar kollha li ġejjin:

  (a) dannu jew telf ta' materjal ferrovjarju fuq ir-roti;

  (b) dannu jew telf ta' inġenji tal-ajru;

(c) dannu jew telf ta’ bastimenti tax-xmajjar u tal-kanali, bastimenti tal-lagi, bastimenti tal-baħar;

(d) dannu lil jew telf ta' merkanzija fi tranżitu jew bagalji, irrispettivament mill-forma tat-trasport;

(e) responsabbiltà kkawżata mill-użu ta’ inġenji tal-ajru (inkluża r-responsabbiltà tat-trasportatur);

(f) responsabbiltà kkawżata mill-użu ta’ opri tal-baħar, bastimenti jew dgħajjes fuq il-baħar, il-lagi, ix-xmajjar jew il-kanali (inkluża r-responsabbiltà tat-trasportatur);

(g) kull riskju ta' kreditu jew garanzija meta d-detentur tal-polza jkun impjegat professjonalment f’attività industrijali jew kummerċjali jew f’waħda mill-professjonijiet liberali u r-riskju relatat għal din l-attività;

(h) fil-każ ta’ detentur ta’ polza li jwettaq negozju ta’ ċertu daqs:

- kull telf jew dannu lil vetturi tal-art (inklużi vetturi bil-mutur);
- kull telf jew ħsara lill-proprjetà minħabba nar, splużjoni, forzi naturali (inkluż tempesti), enerġija nukleari, kollass tal-art, silġ, ġlata jew serq;
- kull responsabbiltà kkawżata mill-użu ta’ vetturi bil-mutur li joperaw fuq l-art (inkluża ir-responsabbiltà tat-trasportatur);
- kull telf finanzjarju mixxellanju li jirriżulta minn riskji tal-impjieg, insuffiċjenza tad-dħul (ġenerali), temp ħażin, telf ta’ benefiċċji, spejjeż ġenerali kontinwi, spejjeż tan-negozju mhux previsti, telf tal-valur tas-suq, telf ta’ kera jew dħul, telf ta' negozju indirett ieħor, telf finanzjarju mhux ta' negozju ieħor jew forom oħra ta’ telf finanzjarju.

5. Għall-għanijiet tal-punt 5(h), id-detentur tal-polza li jwettaq negozju ta’ ċertu daqs ifisser id-detentur tal-polza li jaqbeż il-limiti ta’ millanqas tnejn minn dawn il-kriterji li ġejjin:

- total tal-karta bilanċjali ta’ EUR 6,2 miljun;
- fatturat nett ta’ EUR 12,8 miljun;
- numru medju ta’ 250 impjegat matul is-sena finanzjarja.